# LILL-BANDIERA MALTIJA

*(Waqt li tkun tperper ma' oħrajn tan-N.A.T.O.)*

*Ta'* MARIO AGIUS

Is-sliem, bandiera sbejħa,
Mogħtija lill-ġens tagħna:
Minn min ried lilna jeħles,
Mill-għadu, b'id setgħana!

Narak, bandiera tagħna,
Ferħana bl-ilwien tiegħek:
B'dak l-abjad u b'dak l-aħmar
Li bqajt int tħaddan miegħek!

Kont int, bandiera, l-faraġ
Ta' niesna l-qalbiena:
Fl-Assedju l-Kbir ta' Malta
Sakemm is-Sema fdiena!

U bqajt, bandiera, magħna,
Fit-Tieni Gwerra Kbira:
'L-bandiera Nazzjonali
Rebbieħa ta' dil-Gżira!

Rajniek, bandiera, tielgħa,
Bil-mod, il-mod, ferħana:
Fil-Jiem l-Indipendenza
Qrib dawk ta' ġnus felħana!

Ridt int, bandiera, 'l darna
Iżżejjen bi kburija:
Bik ħienja t-tfal jifirħu
F'idejhom ċkejkunija!

Narak, bandiera ħelwa,
Fil-għoli ġol-Furjana:
Ma' dawk tan-N.A.T.O., tperper,
Bħal dawk ta' ġnus setgħana!

Villa Lija, 15—x—67.